MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-7 ta' April, 2014

Rikors Numru. 25/2012

**M.C.G. Limited (C-6362)**

**vs**

**Dr. Carlo Cilia (Passaport Taljan D745700) u b'digriet tal-Bord tad-19.9.2013 kienu nominati Dr. Yana Micallef Stafrace u l-PL Jean Pierre Busuttil biex jirraprezentaw lill-istess Dr. Carlo Cilia.**

Il-Bord:

Ra r-rikors promutur li jghid hekk;

Illi s-socjeta' esponenti kienet kriet lill-intimat id-dar numru 1A Triq Santu Rokku, Mdina, skond skrittura datata 20 ta' Frar, 2009 ghall-perjodu ta' sitt snin li bdew mill-istess data tal-20 ta' Frar 2009 u ghalhekk sad-19 ta' Frar, 2015.

Illi l-intimat unilateralment ittermina l-lokazzjoni b'ittra ufficjali pprezentata fit-18 ta' Novembru, 2011, fejn iddikjara li kwalunkwe korrispondenza ghandha tintbaghat fl-indirizz ta' Dr. Michael Grech taht indikat.

Illi l-intimat ghandu jhallas lis-socjeta esponenti s-somma globali ta' tlieta u tmenin elf, erba' mija tmienja u tmenin Euro u tmienja u sebghin centezmi (€83,488.78) kwantu ghal €72,000 kera ghal perjodu rimanenti tal-lokazjoni sad-19 ta' Frar 2015 u kwantu ghal €11,486.78 arretrati ta' konsum u kiri tal-arlogg tad-dawl u ilma, kollox kalkolat sad-19 ta' Novembru, 2011.

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett kollu li dan il-Bord jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta' esponenti s-somma ta' €83,488.78 dovuta kif fuq spjegat.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-intimat ingunt minn issa in subizzjoni u b'rizerva ghal kull azzjoni ohra spettanti l-esponenti.

Ra r-risposta tal-Kuraturi Deputati li tghid;

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw d-dritt li jippresentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Salv risposta ulterjuri.

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi f'din il-kawza s-socjeta' rikorrenti adiet lil dan il-Bord b'talba singolari li jikkundanna lill-intimat ihallas ammont ta' flus raprezentanti kera ta' fond u arretrati ta' konsum ta' dawl u ilma. L-intimati kuraturi ddikjaraw illi mhumiex edotti mill-fatti;

Illi mix-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti, Hugh Attard Montalto, jemergi illi dan il-fond huwa mikri lill-intimat u li mill-inizju tal-lokazzjoni l-istess intimat kien beda joggezzjona li jhallas dak minnu dovut u dan ghal-ragunijiet infondati. L-istess rikorrenti esebixxa numru ta' dokumenti in sostenn tat-testimonjanza tieghu.

Dawn l-istess dokumenti jikkoroboraw ix-xhieda ta dan ir-rapprezentant u ghalhekk it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti jirrizultaw pruvati u jimmeritaw li jkunu milqugha;

Ghal dawn il-motivi, l-Bord qed jilqa' t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti u konsegwentement qed jikkundanna lill-intimat ihallas is-somma ta' €83,488.78 bl-imghax skond il-ligi lis-socjeta' rikorrenti.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------